



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.6.2021  
C(2021) 4019 final

## **OPINJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta' 2.6.2021**

**dwar ir-rilaxx ta' fondi ffriżati skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 224/2014**

# OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 2.6.2021

## dwar ir-rilaxx ta' fondi ffriżati skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 224/2014

### It-talba għal opinjoni

Fir-rwol tagħha bħala l-gwardjana tat-trattati, il-Kummissjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem "il-Kummissjoni") tissorvelja l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE)<sup>1</sup>.

Fil-kuntest tal-miżuri restrittivi adottati skont l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK) tal-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tagħti l-fehmiet tagħha dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-atti legali rilevanti jew tagħti gwida dwar l-implimentazzjoni tagħhom. L-ANK jistgħu jitolbu wkoll lill-Kummissjoni tagħti gwida dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 215 tat-TFUE stess.

Il-Kummissjoni rċeviet talba għal opinjoni mingħand ANK ta' Stat Membru dwar talba għar-rilaxx ta' fondi ffriżati permezz tal-infurzar ta' garanzija finanzjarja skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 224/2014 ("ir-Regolament")<sup>2</sup>.

### Sfond

L-Artikolu 5(1) tar-Regolament jimponi ffriżar tal-assi fuq il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, li huma l-proprjetà, li huma fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' kwalunkwe persuna, entità jew korp (il-"Persuna Deżinjata") elenkati fl-Anness I tar-Regolament<sup>3</sup>. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament jipprojbixxi lill-operaturi tal-UE milli jagħmlu fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli, direttament jew indirettament, għal kwalunkwe Persuna Deżinjata elenkata fl-Anness I tar-Regolament jew għall-benefiċċju tagħhom<sup>4</sup>.

Madankollu, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament, b'deroga mill-Artikolu 5 tar-Regolament, jekk pagament minn Persuna Deżinjata ikun dovut skont kuntratt jew ftehim li ġie konkluż mill-Persuna Deżinjata, jew taħt obbligu li rriżulta għall-Persuna Deżinjata, qabel id-data ta' meta dik il-Persuna Deżinjata tiżdied mal-lista, l-ANK tkun tista' tawtorizza, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu adattati, ir-rilaxx ta' ċerti fondi ffriżati jew ta' riżorsi ekonomiċi, dejjem jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet<sup>5</sup>.

<sup>1</sup> Skont it-Trattati, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss tista' tipprovdi interpretazzjonijiet legalment vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 224/2014 tal-10 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (ĠU L 70, 11.3.2014, p. 1).

<sup>3</sup> L-Artikolu 5(1) tar-Regolament jistipula li: "*Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, li huma l-proprjetà, jew li huma fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I jiġu ffriżati.*"

<sup>4</sup> L-Artikolu 5(2) tar-Regolament jistipula li: "*L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandhom ikunu mqegħdin għad-dispożizzjoni, direttament jew indirettament, jew għall-benefiċċju ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp kif elenkati fl-Anness I.*"

<sup>5</sup> L-Artikolu 9 tar-Regolament jistipula li: "*B'deroga mill-Artikolu 5, u bil-kundizzjoni li pagament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I ikun dovut skont kuntratt jew ftehim li ġie konkluż, jew taħt obbligu li rriżulta għall-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikkonċernat, qabel id-data ta' meta dik il-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp kienu nnominati mill-Kunsill*"

Ir-riferiment tal-ANK jikkonċerna talba minn istituzzjoni finanzjarja inkorporata fl-UE biex ċerti fondi ta' Persuna Deżinjata jitneħħew mill-friża, sabiex tiġi infurzata garanzija pprovduta minn din tal-aħħar lil dik l-istituzzjoni finanzjarja. Il-ftehim ta' garanzija inkwistjoni sar qabel ma l-Persuna Deżinjata inżiedet mal-lista.

Fundamentalment, l-ANK qed tistaqsi l-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Fl-Artikolu 9 tar-Regolament, il-frażi "pagament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I ikun dovut skont kuntratt jew ftehim (...)" tfisser li tali pagament jista' jsir biss mill-Persuna Deżinjata nnifisha, u għaldaqstant fuq bażi volontarja?
2. Meta d-deroga fuq l-eżekuzzjoni tal-ħlas min-naħa ta' Persuna Deżinjata skont kuntratt jew ftehim tiġi invokata minn kokuntrattur jew parti terza kkonċernata, dan tal-aħħar irid jagħti prova li l-Persuna Deżinjata tkun tat il-kunsens tagħha għall-eżekuzzjoni tal-pagament?
3. L-Artikolu 9 tar-Regolament ikopri wkoll l-eżekuzzjoni (furzata) tal-ħlas min-naħa ta' kokuntrattur jew ta' persuna terza kkonċernata? Din l-interpretazzjoni testendi wkoll għall-infurzar ta' garanziji finanzjarji minn istituzzjoni finanzjarja minħabba li Persuna Deżinjata li tkun mutwatarja ma tibqax tħallas il-kreditu tagħha lill-istess istituzzjoni finanzjarja?
  - 3.1. F'dan ix-xenarju, sentenza, deċiżjoni jew aġġudikazzjoni ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali li tingħata wara li Persuna Deżinjata tiżdied mal-lista jistgħu jinfurzar il-pagament irrispettivament minn hekk il-Persuna Deżinjata tagħtix il-kunsens tagħha?
  - 3.2. Fin-nuqqas tagħha, hija r-responsabbiltà tal-ANK li tivverifika l-validità u l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi kuntrattwali jew obbligi oħrajn li jimmaterjalizzaw qabel ma il-Persuna Deżinjata tkun inżiedet mal-lista?
  - 3.3. Jekk dan huwa l-każ, l-ANK jeħtiġilha tikkonferma d-dritt tas-sjeda tal-Persuna Deżinjata u d-dritt tas-sjeda tal-kokuntrattur mhux deżinjat jew tal-parti terza kkonċernata?

### **Valutazzjoni Legali:**

Essenzjalment, l-ANK tixtieq tkun taf jekk garanzija stipulata taħt kuntratt li ġie konkluż mill-Persuna Deżinjata bħala garanti qabel l-elenkar tagħha skont l-Anness I tar-Regolament, tistax tiġi infurzata minn kontroparti mhux deżinjata, istituzzjoni finanzjarja inkorporata fl-UE, kontra l-assi ffriżati tal-Persuna Deżinjata u jekk il-kunsens ta' din tal-aħħar huwiex meħtieġ għal dak il-għan. L-ANK tistaqsi wkoll jekk, irrispettivament mill-kunsens tal-Persuna Deżinjata, sentenza, deċiżjoni jew aġġudikazzjoni ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija wara li tiżdied mal-lista tistax isservi bħala raġuni għall-infurzar tal-garanzija. Fl-aħħar nett, l-ANK tistaqsi jekk, fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni, l-ANK tistax tiddeċiedi b'mod awtonomu jekk il-garanzija jenħtieġ li tiġi infurzata u jekk iva, fuq liema bażi.

---

*tas-Sigurtà tan-NU, jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu adattati, ir-rilaxx ta' ċerti fondi ffriżati jew ta' riżorsi ekonomiċi, dejjem jekk l-awtorità kompetenti ikkonċernata tkun iddeterminat li:*

- (a) *il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jintużaw għal pagament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I;*
- (b) *il-pagament mhuwiex bi ksur tal-Artikolu 5(2); kif ukoll*
- (c) *il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun ġie nnotifikat mill-Istat Membru rilevanti dwar l-intenzjoni li jagħti awtorizzazzjoni, għaxart (10) ijiem ta' xogħol bil-quddiem."*

L-iffriżar tal-assi ta' persuna ma għandux skop punittiv u ma jfissirx konfiska. Tali miżura hija maħsuba biex il-Persuna Deżinjata ma tkunx tista' taċċessa liberament u tuża l-assi tagħha għall-finijiet li jwasslu għall-ħatra tagħha. Sa fejn dak l-iffriżar ta' assi jinvolvi limitazzjoni tad-dritt fundamentali ta' proprjetà tal-Persuna Deżinjata, kif inhu garantit mill-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, dan jeħtieġ li jsir b'mod proporzjonali. Irid jevita wkoll, sa fejn ikun possibbli, li jaffettwa d-drittijiet ta' partijiet terzi.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Regolamenti tal-UE li jimponu ffriżar tal-assi jinkludu wkoll sensiela ta' eċċezzjonijiet<sup>6</sup> bil-għan li l-assi ffriżati jkunu jistgħu jintużaw f'ċerti każi li l-leġislatur iqishom bħala legali u xierqa. Uħud minn dawn l-eċċezzjonijiet huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni minn qabel tal-ANK, u bħala tali jaqgħu fil-kategorija tad-derogi. Waħda minn dawn id-derogi hija mnaqqxa fl-Artikolu 9 tar-Regolament.

L-iskop tagħha huwa li tippermetti l-eżerċitar ta' drittijiet leġittimi ta' partijiet terzi mhux deżinjati skont id-dritt privat billi l-Persuna Deżinjata titħalla tikkonforma mal-obbligi tagħha u teżegwixxi hłas dovut lil parti terza. Id-deroga skont l-Artikolu 9 tar-Regolament teħtieġ l-issodisfar ta' sett ta' kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri:

1. il-hłas mingħand il-Persuna Deżinjata jkun dovut b'konformità ma' kuntratt jew ftehim konkluż, jew skont obbligu li jirriżulta għall-Persuna Deżinjata;
2. il-kuntratt jew il-ftehim ikun ġie konkluż mill-Persuna Deżinjata, jew jirriżulta minn obbligu għall-Persuna Deżinjata qabel l-inklużjoni tagħha fil-lista;
3. l-ANK tkun aċċertat li:
  - (a) il-hłas isir mill-Persuna Deżinjata elenkata fl-Anness I tar-Regolament;
  - (b) il-pagament ma jkunx bi ksur tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament;
  - (c) l-Istat Membru li l-ANK tiegħu tintalab tawtorizza t-talba jinnotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-intenzjoni li l-awtorizzazzjoni tingħata 10 ijiem minn qabel.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, **l-issodisfar ta' talba għal garanzija jammonta għal hłas fis-sena tal-Artikolu 9 tar-Regolament**, billi fl-aħħar mill-aħħar għall-Persuna Deżinjata dan ifisser il-hłas tal-ammont garantit għall-kontroparti mhux deżinjata, istituzzjoni finanzjarja inkorporata fl-UE.

Barra minn hekk, l-ANK tistaqsi jekk il-kundizzjoni fl-Artikolu 9(a) tar-Regolament, jiġifieri li l-hłas isir mill-Persuna Deżinjata, tirrekjedix li l-hłas ikun sar volontarjament (jiġifieri abbażi tal-kunsens tal-Persuna Deżinjata), jew jekk il-pagament jistax jiġi infurzat ukoll abbażi ta' raġunijiet kuntrattwali.

L-ewwel nett, l-Artikolu 9(a) tar-Regolament ma jstabbilixxix tali distinzjoni. It-tieni, interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 9(a) tar-Regolament, fejn il-Persuna Deżinjata teżegwixxi hłas volontarjament minħabba kuntratt jew obbligu preċedenti, mhuwiex konformi mal-fini tal-Artikolu 9 tar-Regolament. L-iskop ta' din id-dispożizzjoni mhuwiex biss li tippermetti lil Persuna Deżinjata tikkonforma mal-impenji u l-obbligi kuntrattwali diġà eżistenti tagħha, iżda tippermetti wkoll l-eżerċitar ta' drittijiet (kuntrattwali) min-naħa ta' persuni mhux deżinjati. It-tielet, din l-interpretazzjoni stretta tirrendi l-eżekuzzjoni ta' obbligi minn kuntratti diġà eżistenti soġġetta għall-kunsens ta' parti waħda, f'dan il-każ partikolari l-Persuna Deżinjata.

<sup>6</sup> L-eċċezzjonijiet mis-sanzjonijiet tal-UE normalment jieħdu l-forma ta' derogi jew eżenzjonijiet. Id-derogi jfissru li azzjoni ristretta (ipprojbita) tista' titwettaq biss wara li l-ANK tkun tat l-awtorizzazzjoni tagħha. Eżenzjonijiet ifissru li restrizzjoni ma tapplikax meta l-iskop tal-azzjoni jikkoinċidi mal-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni; b'riżultat ta' dan, il-persuni li jaqgħu fl-ambitu tal-eżenzjoni jistgħu jwettqu l-azzjoni inkwistjoni mingħajr dewmien.

Jidher li din l-interpretazzjoni mhijiex ġustifikata fid-dawl tal-ittra u l-ispirtu tar-Regolament, u possibbilment tammonta għal impatt mhux ġustifikat u sproporzjonat fuq id-drittijiet tal-parti kuntrattwali l-oħra (jiġifieri istituzzjoni finanzjarja inkorporata fl-UE).

Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Artikolu 9(a) tar-Regolament jiġġustifika interpretazzjoni usa'. L-iskop ta' dan l-artikolu jenħtieġ li jkun li jippermetti l-eżekuzzjoni tal-ħlas skont kuntratt konkluż minn Persuna Deżinjata qabel ma tiġi elenkata, jew li jirriżulta minn obbligu għall-Persuna Deżinjata, u mhux biex ikun jiddependi fuq il-kunsens tal-Persuna Deżinjata. Dan il-fehim huwa kkonfermat mill-prattiki nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE, li jidher li japprovaw din l-interpretazzjoni, kif joħroġ mill-Aħjar Prattiki tal-UE għall-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri restrittivi ("l-Aħjar Prattiki"). L-Aħjar Prattiki jiddikjaraw li hija r-responsabbiltà tal-partijiet interessati, u mhux biss tal-Persuna Deżinjata, li jitolbu awtorizzazzjonijiet għall-aċċess għal fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati skont il-proċeduri nazzjonali<sup>7</sup>.

**Għaldaqstant, il-kunsens tal-Persuna Deżinjata mhuwiex prekondizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' pagament biex tiġi sodisfatta garanzija. Għaldaqstant, id-deċiżjoni dwar jekk fl-aħħar mill-aħħar tiġix infurzata l-garanzija inkwistjoni tista' tiġi infurzata wkoll kontra l-Persuna Deżinjata.**

**L-eżekuzzjoni ta' pagament għall-issodisfar tal-garanzija tista', pereżempju, tkun iġġustifikata minħabba sentenza, deċiżjoni jew aġġudikazzjoni ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali, kontra l-Persuna Deżinjata.**

Jenħtieġ li, sempliċement il-fatt li garanzija tista' tiġi infurzata irrispettivament mill-kunsens tal-Persuna Deżinjata ma jitqiesx bħala li jolqot id-drittijiet u l-interessi tagħha b'mod sproporzjonat. Jekk l-impenji finanzjarji, kif stipulati skont il-qafas kuntrattwali applikabbli, ma jiġux issodisfati, huwa fin-natura tal-garanzija li għandha tiskatta u għaldaqstant tiġi infurzata. Dan isir b'mod indipendenti, u għaldaqstant ma jintlaqatx mill-fatt li l-Persuna Deżinjata tkun soġġetta għal miżuri restrittivi.

Kif antiċipat, qabel ma tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha għar-rilaxx tal-fondi ffriżati biex tissodisfa l-garanzija, **l-ANK jeħtiġilha wkoll taċċerta** li l-kundizzjonijiet l-oħra skont l-Artikolu 9 tar-Regolament jkun ssodisfati, b'mod partikolari, **jekk il-ħlas inkwistjoni jkunx dovut b'konformità ma' kuntratt jew ftehim konkluż jew skont obbligu li jirriżulta għall-Persuna Deżinjata qabel ma tkun inżiedet mal-lista. Fi kliem ieħor, jenħtieġ li jiġi stabbilit jekk ikunx ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kuntrattwali għall-infurzar tal-garanzija.**

**Sentenza, deċiżjoni jew aġġudikazzjoni ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali li tirrikonoxxi d-dritt tal-entità mhux deżinjata li teżegwixxi l-garanzija abbażi ta' obbligu kuntrattwali eżistenti minn qabel tiffaċilita din il-valutazzjoni. Madankollu, fil-fehma tal-Kummissjoni r-Regolament jagħti s-setgħa lill-ANK tiddeċiedi jekk tagħtix l-awtorizzazzjoni tagħha anki fin-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni, abbażi tal-elementi fattwali u ġudizzjarji kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż, fejn possibbli, il-fehma tal-Persuna Deżinjata.**

Din tidher li hija l-prattika fil-livell nazzjonali, kif inhu rifless fl-Aħjar Prattiki, li jindikaw li, sa fejn possibbli, jenħtieġ li l-Persuna Deżinjata tkun informata dwar tali talbiet, u li għadhom japplikaw il-proċeduri ordinarji biex tiġi deċiża l-validità tat-talbiet fil-konfront tal-Persuna Deżinjata. L-Aħjar Prattiki jindikaw ukoll li huwa f' idejn l-ANK li "*jieħdu kont tal-provi pprovduti mill-kreditur u l-persuna jew l-entità deżinjata dwar jekk hemmx obbligu ġuridiku*

<sup>7</sup> L-Aħjar Prattiki tal-UE għall-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri restrittivi (id-dokument 8519/18): <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-8519-2018-INIT/mt/pdf>, para. 82.

*(kuntrattwali jew statutorju) li jiġu pprovduti l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi”<sup>8</sup>. Barra minn hekk, “filwaqt li taġixxi b’mod konsistenti ma’ dak li hu stabbilit fir-Regolamenti u mal-ispirtu tar-Regolamenti”, l-ANK tista’ tikkunsidra fost l-oħrajn, “id-dritt għal proprjetà kemm tal-persuna jew l-entità deżinjata kif ukoll tal-persuna jew l-entità mhux deżinjata fir-rigward ta’ kuntratti konklużi bejniethom qabel id-deżinjazzjoni”<sup>9</sup>.*

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet l-oħra li huma stipulati fl-Artikolu 9 tar-Regolament, il-Kummissjoni hija tal-fehma li dawn huma ssodisfati. L-ewwel, l-obbligu tal-issodisfar tat-talba tal-garanzija tirriżulta mill-kuntratt bejn il-Persuna Deżinjata u l-istituzzjoni finanzjarja rikjedenti inkorporata fl-UE. It-tieni, il-kuntratt ġie konkluż mill-partijiet qabel ma l-Persuna Deżinjata tiżdied mal-lista skont l-Anness I tar-Regolament. Fl-aħħar nett, il-ħlas tal-garanzija jkun ta’ benefiċċju għal istituzzjoni finanzjarja inkorporata fl-UE, li ma tkunx fil-lista skont l-Anness I tar-Regolament (skont l-Artikolu 9(b) tar-Regolament).

Jekk l-ANK ikun beħsiebha tawtorizza r-rilaxx tal-fondi rilevanti, il-Kummissjoni tfakkar li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti jenħtieġ li jiġi informat 10 ijiem ta’ xogħol minn qabel (skont l-Artikolu 9(c) tar-Regolament). Meta toħroġ l-awtorizzazzjoni l-ANK tista’ wkoll tirrestrinġi l-kamp ta’ applikazzjoni tagħha billi tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li tqis bħala xierqa li jiżguraw li l-azzjonijiet awtorizzati (jiġifieri r-rilaxx ta’ ċerti fondi ffriżati) ma jkunux ta’ tfixkil u ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi f’konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament.

### **Konklużjonijiet**

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li:

- (1) L-eżekuzzjoni kontra l-fondi ffriżati ta’ Persuna Deżinjata ta’ garanzija stipulata minn din tal-aħħar qabel ma tiżdied mal-lista tfisser “pagament” fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament;
- (2) Dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha fl-Artikolu 9 tar-Regolament, il-garanzija tista’ tiġi eżegwita wkoll mingħajr il-kunsens tal-Persuna Deżinjata jew fil-konfront tagħha;

---

<sup>8</sup> Ibid.

<sup>9</sup> L-Aħjar Prattiki tal-UE, para. 76.

- (3) Huwa d'idejn l-ANK li tiddetermina jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfati. B'mod partikolari, meta ANK tkun qed tiċċara jekk il-ħlas tal-garanzija huwiex dovut skont kuntratt preċedenti jew jirriżultax minn obbligu preċedenti, hija tista' tikkunsidra s-sentenzi, id-deċiżjonijiet u l-aġġudikamenti ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali mogħtija wara li l-Persuna Deżinjata tiżdied mal-lista. Fin-nuqqas ta' tagħhom l-ANK jenħtieġ li tagħmel il-valutazzjoni b'mod awtonomu. Id-drittijiet sostantivi u proċedurali applikabbli skont kif preskritt fid-dritt nazzjonali għadhom japplikaw. Barra minn hekk, l-ANK tista' wkoll takkumpanja l-awtorizzazzjoni bil-kundizzjonijiet li tqis xierqa biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet awtorizzati ma jkunux ta' tfixkil u ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament.

Magħmul fi Brussell, 2.6.2021

*Għall-Kummissjoni  
Mairead McGUINNESS  
Membru tal-Kummissjoni*

